Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,947, 1 ta' Frar, 1982

Taqisma B

A.L. 14 ta' l-1982

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)

Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 81 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Frar, 1982. Titolu u bidu fis-seħħ.

2. In-nolijiet li għandhom jinġabru minn vetturi bil-mutur għandhom ikunu skond it-Tariffi li hemm fl-Iskedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti. Tariffi ta' nolijiet.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 2)

Tariffa ta' Nolijiet għal Omnibusijiet bil-Mutur

Disposizzjonijiet Ġenerali

1. Tfal sa l-età ta' 3 snin ikunu meħlusa mill-ħlas ta' kull nol.

2. Tfal bejn l-età ta' 3 snin u 10 snin iħallsu nofs in-nol stabbilit b'din it-tariffa u u jkollhom dritt jieħdu post.

3. (1) Il-permessi, li d-detenturi tagħhom ikollhom dritt jivvjaġġaw fuq omnibusijiet bil-mutur bin-nolijiet tat-tfal ta' l-iskola stabbilit fl-Appendiċi tat-Tabella I ta' din it-Tariffa matul il-ħinijiet li għalihom dawk il-permessi jkunu validi, jistgħu jinħarġu u jiġu ffirmati mis-Segretarju Ġenerali ta' l-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* tal-*Buses*, f'dik il-forma li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jordna, lil tfal u studenti li jmorru skejjel jew stabbilimenti oħra magħrufa ta' edukazzjoni taħt il-kondizzjonijiet u fil-forma hawn taħt speċifikati:—

(a) il-Permessi dwar l-Iskola ta' bi nhar għandhom jinħarġu lit-tfal kollha li jmorru skejjel magħrufa u lil studenti li jmorru stabbilimenti oħra magħrufa ta' edukazzjoni kemm-il darba d-detentur tiegħu jkun taħt it-tmintax-il sena. Dawn il-permessi jkunu validi biss fil-ġranet ta' l-iskola bejn is-7.00 a.m. u t-8.30 a.m., bejn il-11.45 a.m. u s-2.00 p.m., u bejn is-2.30 p.m. u l-4.30 p.m., u għandu jkollhom ir-ritratt tad-detentur, l-isem, l-indirizz u d-data tat-twelid tad-detentur, l-isem ta' l-iskola jew ta' l-istabbiliment l-ieħor magħruf ta' edukazzjoni u l-ġranet u l-ħinijiet ta' l-attendenza mid-detentur;

(b) il-Permessi dwar l-Iskola ta' fil-għaxija għandhom jinħarġu lill-istudenti kollha li jattendu klassijiet ta' fil-għaxija fi skejjel jew stabbilimenti magħrufa ta' edukazzjoni kemm-il darba d-detentur tagħhom ikun taħt it-tmintax-il sena. Dawn il-permessi jkunu validi minn siegħa qabel il-bidu sa siegħa wara t-tmiem tal-lezzjonijiet, kif jidher fuq il-permess, u fil-ġranet fih speċifikati. Għandu jkollhom ir-ritratt tad-detentur, u għandu jkun fihom l-isem, l-indirizz u d-data tat-twelid tad-detentur, l-isem ta' l-iskola jew ta' l-istabbiliment ta' l-edukazzjoni magħruf u l-ġranet ta' attendenza mid-detentur.

(2) L-applikazzjonijiet għal permessi dwar Skola ta' bi nhar jew għal Skola ta' fil-għaxija għandhom isiru lis-Segretarju Ġenerali tal-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* tal-*Buses* f'dik il-forma li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jordna u dawk l-applikazzjonijiet għandhom ikunu iffirmati mill-kap ta' l-iskola jew ta' l-istabbiliment ta' edukazzjoni li minnu jifforma parti t-tifel jew l-istudent, skond il-każ. Ma' l-applikazzjonijiet għandhom ukoll jingħataw żewġ ritratti, tal-qies ta' 38 mm b'50 mm, tat-tifel jew ta' l-istudent li dwaru tirreferi l-applikazzjoni, u wieħed minn dawk ir-ritratti jiġi mwaħħal mal-permess relattiv.

4. (1) It-tfal jew studenti li jkollhom permess speċifikat fl-aħħar paragrafu ta' qabel dan għandhom jikkonsenjaw lura dak il-permess lis-Segretarju Ġenerali tal-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* tal-*Buses* permezz tal-kap ta' l-iskola jew ta' l-istabbiliment ta' edukazzjoni li minnhom jifformaw parti minnufih kif jispiċċaw milli jattendu dik l-iskola jew dak l-istabbiliment ta' edukazzjoni.

(2) Il-permessi msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ukoll jiġu konsenjati lis-Segretarju Ġenerali tal-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* tal-*Buses* permezz tal-kap ta' l-iskola jew ta' l-istabbiliment ta' edukazzjoni u jinħareġ minfloku permess ieħor kull meta d-detentur ma jibqax jirrisjedi fl-indirizz muri fuq il-permess jew ikun qed jattendi skola jew stabbiliment ta' edukazzjoni li ma jkunx dak li jidher fuqu.

(3) Il-permessi msemmija fil-paragrafu 3 għandhom:—

(a) fil-każ ta' tfal jew studenti taħt l-erbatax-il sena, jkunu validi mid-data tal-ħruġ sakemm id-detentur jilħaq l-età ta' erbatax-il sena, u d-data li fiha jiskadi l-permess tiġi murija fuqu;

(b) fil-każ ta' tfal jew studenti fuq l-erbatax-il sena, ikun validu għas-sena skolastika tal-ħruġ u jiġi mġedded kull sena meta tispiċċa kull sena kalendarja, iżda kull permess bħal dak jispiċċa awtomatikament malli d-detentur relattiv jilħaq l-età ta' tmintax-il sena.

5. (1) Is-Segretarju Ġenerali tal-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* tal-*Buses* għandu joħroġ permessi, f'dik il-forma li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jordna, lil apprendisti taħt it-18-il sena mpjegati mal-Gvern ta' Malta jew ma' xi Korporazzjoni Pubblika, jew ma' xi ditta industrjali, liema permessi jagħtu d-dritt lid-detenturi tagħhom iħallsu n-nolijiet preskritti fl-Appendiċi tat-Tabella I ta' din it-Tariffa, matul il-perijodu meta jkunu qed iseħħu n-Nolijiet tal-Ħaddiema. Dawk il-permessi għandu jkollhom ritratt tad-detentur u għandhom juru l-isem, l-indirizz u d-data tat-twelid tad-detentur, l-isem tal-prinċipal u l-ġranet u l-ħinijiet ta' l-attendenza tad-detentur tagħhom.

(2) L-applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' permessi skond is-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandhom isiru lis-Segretarju Ġenerali tal-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* tal-*Buses* f'dik il-forma li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jordna u għandhom jiġu iffirmati minn jew f'isem id-Dipartiment tal-Gvern jew tal-Korporazzjoni jew mill-kap tad-ditta industrjali privata, skond il-każ, fejn il-apprendist ikun impjegat:

Iżda fil-każ ta' ditti ndustrjali privati d-dikjarazzjoni li l-applikant huwa apprendist tiġi kontrosenjata mid-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni jew mir-rappreżentant tiegħu.

6. (1) Permessi maħruġa skond il-paragrafu 3 jkunu validi biss għal vjaġġar bejn il-post ta' residenza tad-detentur u l-iskola jew l-istabbiliment ta' edukazzjoni murija fuqhom u lura.

(2) Permessi maħruġa skond il-paragrafu 5 ikunu validi biss għal vjaġġar mill-post ta' residenza tad-detentur għall-post tax-xogħol u lura; dawk il-permessi jiġu mġedda kull sena.

7. Is-Segretarju Ġenerali tal-Uffiċċju Ċentrali għal Servizzi *Scheduled* tal-*Buses* għandu joħroġ il-permessi msemmija fil-paragrafi ta' qabel dan mhux iktar tard minn

ħmistax-il ġurnata wara li jirċievi l-applikazzjoni u ma għandux jirrifjuta xi applikazzjoni għal dawk il-permessi jekk ma jkunx awtorizzat minn qabel bil-miktub mill-Kummissarju tal-Pulizija.

8. Il-Kummissarju tal-Pulizija jkollu s-setgħa, kull meta jidhirlu spedjenti, li joħroġ, iġedded jew iħassar kull wieħed mill-permessi jew il-permessi kollha msemmija fil-paragrafu ta' qabel:

Iżda dak il-ħruġ jew it-tiġdid għandu jkun iffirmat mis-Suprintendent tal-Pulizija (Traffiku) u jkollhom l-istess validità kif stabbilit fil-paragrafi 3, 4, 5 u 6.

9. (1) Passiġġier li juża *omnibus* bil-mutur immarkata "Servizz Dirett" għandu jħallas id-dritt xieraq kif muri fit-Taqsima I D tat-Tabella I li tinsab ma' din l-Iskeda.

(2) Dawk il-passiġġieri biss li jkunu kisbu minn qabel il-biljett relattiv għandhom jagħmlu użu minn dawk l-omnibusijiet bil-mutur.

10. In-nolijiet li jitħallsu fi btajjel pubbliċi jkunu dawk murija bis-simbolu PH fit-Taqsima I B tat-Tabella I li tinsab ma' din l-Iskeda.

11. Kull meta passiġġier, biex jasal f'destinazzjoni fuq l-istess linja tal-Bus, ikollu jirkeb bus oħra ta' l-istess linja, dak il-passiġġier għandu, għal dik il-parti l-oħra tal-vjaġġ tiegħu, iħallas id-differenza fin-nol li jkopri l-vjaġġ kollu skond it-Tariffa li tapplika f'dak iż-żmien.

12. In-nolijiet jiżdiedu b'5 milleżmi kull meta, bil-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, it-tħaddim ta' xi bus jiġi mtawwal wara l-11.00 p.m.

13. Permessi għat-tfal li jmorru jew jiġu minn xi skola f'Għawdex ikunu validi bejn is-7.00 a.m. u t-8.30 a.m. u bejn is-2.00 p.m. u l-5.00 p.m. Dawk il-permessi għandhom jiġu maħruġa u ffirmati mis-Suprintendent jew mill-Ispettur tal-Pulizija f'Għawdex.

14. Kull meta kelb jew annimal ieħor (barra minn għasfur f'gaġġa) jew xi oġġett voluminuż jingarr fuq omnibus bil-mutur, għandu jitħallas nol ta' 5 milleżmi dwar dak l-annimal u nol ta' 1c5 dwar kull oġġett voluminuż bħal dak.

TABELLA I

Taqsima I

Nota ta' tifsir għall-użu tat-tabelli

1. Mit-Taqsima I A stabbilixxi n-numri ta' l-istage tan-nol skond l-istages mnejn titla' u fejn tinżel fuq il-linja li trid.

2. Biex tistabbilixxi n-nol, laqqa' ż-żewġ numri ta' l-istage tan-nol stabbiliti mit-Taqsima I A, billi tuża' t-Taqsima I B jew it-Taqsima I Ċ, skond il-każ.

TAQSIMA I Ċ

NOLIJIET GĦALL-GĦADIRA, MARFA, ĊIRKEWWA U RAMLA BAY

MINN SA	GĦADIRA		MARFA		ĊIRKEWWA		RAMLA BAY	
JEW LURA	O	PH	O	PH	O	PH	O	PH
IL-BELT VALLETTA	9c5	9c5	9c5	10c5	10c5	10c5	—	—
STAGE TAN-NOL 1	9c5	9c5	9c5	10c5	10c5	10c5	—	—
STAGE TAN-NOL 2	9c5	9c5	9c5	10c5	10c5	10c5	—	—
STAGE TAN-NOL 3	9c5	9c5	9c5	10c5	10c5	10c5	—	—
STAGE TAN-NOL 4	8c5	9c5	9c5	9c5	9c5	9c5	—	—
STAGE TAN-NOL 5	8c5	9c5	9c5	9c5	9c5	9c5	—	—
STAGE TAN-NOL 6	8c5	9c5	9c5	9c5	9c5	9c5	—	—
STAGE TAN-NOL 7	8c5	8c5	8c5	9c5	9c5	9c5	—	—
STAGE TAN-NOL 8	8c5	8c5	8c5	9c5	9c5	9c5	—	—
STAGE TAN-NOL 9	8c5	8c5	8c5	9c5	9c5	9c5	—	—
STAGE TAN-NOL 10	7c5	8c5	8c5	8c5	8c5	8c5	—	—
STAGE TAN-NOL 11	7c5	8c5	8c5	8c5	8c5	8c5	—	—
STAGE TAN-NOL 12	7c5	8c5	7c5	8c5	8c5	8c5	—	—
STAGE TAN-NOL 13	7c5	8c5	7c5	8c5	8c5	8c5	—	—
STAGE TAN-NOL 14	6c5	7c5	7c5	7c5	7c5	7c5	—	—
STAGE TAN-NOL 15	6c5	7c5	7c5	7c5	7c5	7c5	—	—
STAGE TAN-NOL 16	5c5	6c5	5c5	6c5	6c5	6c5	6c5	6c5

O=Nolijiet Ordinarji PH=Nolijiet Speċjali (Btajjel Pubbliċi)

TAQSIMA I D
SERVIZZI DIRETTI
TARIFFA TA' NOLIJIET BIR-RITORN

| | Tarzna | Estate Industrjali ta' Bulebel | Estate Industrjali tal-Marsa | Estate Industrjali ta' Kordin | Estate Industrjali ta' San Gwann | Estate Industrjali ta' l-Imrieħel | Estate Industrjali ta' Qali | Ħ'Attard | Ħal Balzan | Birkirkara | Birżebbuġa | Bormla | Ħad-Dingli | Il-Fgura | Il-Furjana | Għajn Tuffieħa | Il-Għargħur | Ħal Għaxaq | Gwardamanġa | Il-Gudja | Il-Gżira | Ħal Far | Il-Ħamrun | Kalafrana | Il-Kalkara | Ħal Kirkop | Ħal Lija | Ħal Luqa | Il-Marsa | Wied il-Għajn | Marsaxlokk | Il-Mellieħa | L-Imġarr | L-Imqabba | Il-Mosta | L-Imsida | In-Naxxar | Raħal Ġdid | Tal-Pietà | Ħal Qormi | Il-Qrendi | Ir-Rabat | Ħal Safi | San Ġwann | L-Isla | Is-Siġġiewi | Tas-Sliema (Ix-Xatt) | Tas-Sliema (Spinola) | Tas-Sliema (Savoy) | Spencer Hill | Sta. Luċija | Sta. Venera | St Andrews | San Ġiljan | San Pawl il-Baħar | Ta' Giorni | Tal-Qroqq | Ħal Tarxien | Ta' Xbiex | Valletta | Il-Birgu | Ix-Xgħajra | Ħaż-Żabbar | Ħaż-Żebbuġ | Iż-Żejtun | Iż-Żurrieq |
|---|---|---

| | Tarzna | Estate Industrjali ta' Bulebel | Estate Industrjali tal-Marsa | Estate Industrjali ta' Kordin | Estate Industrjali ta' San Ġwann | Estate Industrjali ta' l-Imrieħel | Estate Industrjali ta' Qali | Ħ'Attard | Ħal Balzan | Birkirkara | Birżebbuġa | Bormla | Ħad-Dingli | Il-Fgura | Il-Furjana | Għajn Tuffieħa | Il-Għargħur | Ħal Għaxaq | Gwardamanġa | Il-Gudja | Il-Gżira | Ħal Far | Il-Ħamrun | Kalafrana | Il-Kalkara | Ħal Kirkop | Ħal Lija | Ħal Luqa | Il-Marsa | Wied il-Għajn | Marsaxlokk | Il-Mellieħa | L-Imġarr | L-Imqabba | Il-Mosta | L-Imsida | In-Naxxar | Raħal Ġdid | Tal-Pietà | Ħal Qormi | Il-Qrendi | Ir-Rabat | Ħal Safi | San Ġwann | L-Isla | Is-Siġġiewi | Tas-Sliema (Ix-Xatt) | Tas-Sliema (Spinola) | Tas-Sliema (Savoy) | Spencer Hill | Sta. Luċija | Sta. Venera | St Andrews | San Ġiljan | San Pawl-il Baħar | Ta' Ġiorni | Tal-Qroqq | Ħal Tarxien | Ta' Xbiex | Valletta | Il-Birgu | Ix-Xgħajra | Ħaż-Żabbar | Ħaż-Żebbuġ | Iż-Żejtun | Iż-Żurrieq |
|---|---|---

TAQSIMA I E

SERVIZZI SUPPLIMENTARI

	Nolijiet Ordinarji	Nolijiet Speċjali Btajjel Pubbliċi
1. BORMLA (Pjazza Gavino Gulia)		
Sa jew lura		
Iż-Żejtun (Skola Primarja)	5c5	5c5
Ħaż-Żabbar	5c5	5c5
Triq Wied il-Għajn	5c5	5c5
Triq San Leonardu	5c5	6c5
Wied il-Għajn (inkluż il-Magħluq)	5c5	6c5
Wied il-Għajn (It-Torri ta' San Tumas)	6c5	7c5
Ix-Xgħajra	5c5	—
Marsaxlokk	5c5	6c5
Il-Gudja/Ħal-Għaxaq	5c5	6c5
2. BORMLA (New Gate fi Triq San Pawl)		
Sa jew lura		
Ħaż-Żabbar	5c5	6c5
Triq Wied il-Għajn	5c5	6c5
Iż-Żejtun (Skola Primarja)	5c5	6c5
Ix-Xgħajra	5c5	—
Triq San Leonardu	6c5	6c5
Wied il-Għajn (inkluż il-Magħluq)	6c5	6c5
Wied il-Għajn (It-Torri ta' San Tumas)	7c5	7c5
Marsaxlokk	6c5	6c5
Il-Gudja/Ħal-Għaxaq	6c5	6c5
3. IL-BIRGU		
Sa jew lura		
Wied il-Għajn (inkluż il-Magħluq)	5c5	6c5
Wied il-Għajn (It-Torri ta' San Tumas)	6c5	7c5
Triq San Leonardu	5c5	5c5
Triq Wied il-Għajn	5c5	5c5
Ħaż-Żabbar	3c	5c5
4. L-ESTATE INDUSTRIJALI TA' BULEBEL		
Sa jew lura		
Iż-Żejtun (Skola Primarja)	5c5	5c5
Iż-Żejtun	5c5	5c5

	Nolijiet Ordinarji	Nolijiet Speċjali Btajjel Pubbliċi
5. L-ISPTAR TA' SAN VINĊENZ DE PAUL		
Sa jew lura		
Ħal Qormi	3c	5c5
Ħaż-Żebbuġ	5c5	5c5
Is-Siġġiewi	5c5	5c5
Ir-Rabat	6c5	6c5
6. SPTAR SAN LUQA		
Sa jew lura		
Il-Ħamrun (Għassa tal-Pulizija)	5c5	5c5
Il-Belt Valletta	5c5	5c5
Birkirkara (Triq Brared)	5c5	5c5
7. SAN ĠILJAN		
Sa jew lura		
Il-Għargħur/In-Naxxar	5c5	—
Birkirkara	5c5	6c5
8. IR-RABAT		
Sa jew lura		
Ir-Rabat (Misraħ San Duminku)	3c	5c5
Stazzjon tal-W/T	5c5	5c5
Id-Daħla tal-Buskett	5c5	5c5
Ħad-Dingli	5c5	5c5
L-Imtarfa	5c5	6c5
Il-Mosta	5c5	—
Birkirkara	5c5	6c5
San Pawl-il Baħar	7c5	—
9. IL-MOSTA		
Sa jew lura		
In-Naxxar	3c	5c5
Il-Għargħur	5c5	5c5
10. BUĠIBBA (Dolmen Hotel)		
Sa jew lura		
San Pawl-il Baħar (Għassa tal-Pulizija)	5c5	5c5
Ix-Xemxija	5c5	6c5
Il-Mistra	5c5	6c5
Selmun	6c5	6c5
Il-Mellieħa	6c5	6c5
L-Għadira	8c5	8c5
Il-Marfa	8c5	9c5

11. GĦAJN TUFFIEĦA

	Nolijiet Ordinarji	Nolijiet Speċjali Btajjel Pubbliċi
Sa jew lura		
Il-Belt Valletta	8c5	9c5
Tal-Pietà	8c5	8c5
L-Imsida (Misraħ Palma)	8c5	8c5
L-Imsida (Villa Flery)	7c5	8c5
Birkirkara (Triq Mannarino)	7c5	8c5
Iċ-Ċimiterju ta' Ħal-Lija	7c5	7c5
Ħal-Lija (Ta' Sajtar)	7c5	7c5
Il-Mosta	7c5	7c5
Il-Mosta (San Ġużepp)	7c5	7c5
Għajn Riħana	6c5	7c5
Burmarrad	6c5	7c5
San Pawl-il Baħar (Triq San Pawl/Triq il-Knisja) ...	6c5	6c5
San Pawl-il Baħar (Għassa tal-Pulizija)	6c5	6c5

12. L-IMĠARR

Sa jew lura		
Il-Mosta (San Ġużepp)	7c5	7c5
Għajn Riħana	7c5	7c5
Burmarrad	6c5	7c5
San Pawl-il Baħar (Triq San Pawl/Triq il-Knisja) ...	6c5	7c5
San Pawl-il Baħar (Għassa tal-Pulizija)	6c5	6c5
Għajn Tuffieħa	5c5	5c5

13. VALLETTA

Ċirkulari tal-Belt	3c	5c5

14. TA' ĠIORNI

	Bil-Permess	Mingħajr Permess
Sa jew lura		
Il-Belt Valletta	3c	5c5
L-Imsida	3c	5c5
Il-Gżira	3c	5c5
Tas-Sliema (Ix-Xatt)	3c	5c5
Tas-Sliema (Triq San Ġakbu)	3c	5c5

15. L-UNIVERSITA' TAL-QROQQ

	Bil-Permess	Mingħajr Permess
Sa jew lura		
Il-Belt Valletta	4c	5c5

APPENDIĊI

In-nolijiet li jistgħu jingabru mingħand tfal ta' l-iskola, studenti u apprendisti li jkollhom permess kif provdut fil-paragrafi 3 u 5 tad-Disposizzjonijiet Ġenerali ta' din l-Iskeda għandhom, relattivament għan-nolijiet ordinarji murija fl-Ewwel Kolonna ta' hawn taħt, ikunu dawk murija fit-Tieni Kolonna ta' hawn taħt:—

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
minn 3c sa 5c5	3c
minn 6c5 sa 8c5	4c

TAQSIMA II

Servizzi tas-Sajf

In-nolijiet li għandhom jingabru mingħand passiġġieri fuq servizzi tal-buses li jaħdmu biss matul is-sajf għandhom ikunu dawk hawn taħt preskritti:

	Nolijiet
1. SERVIZZ SIĠĠIEWI — GĦAR LAPSI	
IS-SIĠĠIEWI — sa jew lura	
Għar Lapsi	7c
2. SERVIZZ VALLETTA — ARMIER	
L-ARMIER — sa jew lura	
Il-Belt Valletta	10c
Birkirkara (Triq Mannarino)	10c
Iċ-Ċimiterju ta' Ħal-Lija	9c
Il-Mosta	9c
Burmarrad	8c
San Pawl-il Baħar (L-Għassa tal-Pulizija)	8c
Ix-Xemxija	7c
Il-Mistra	7c
Selmun	7c
Il-Mellieħa	6c
3. SERVIZZ IŻ-ŻURRIEQ/IL-QRENDI/ĦAL-KIRKOP/ĦAL-LUQA/GUDJA/ ĦAL-GĦAXAQ/IŻ-ŻEJTUN/L-ISLA/BORMLA/IL-BIRGU/IL-FGURA — BIRŻEBBUGIA	
BIRŻEBBUGIA — sa jew lura	
Iż-Żurrieq	7c
Il-Qrendi	7c
Ħal-Kirkop	7c
Ħal-Luqa	7c
Gudja	6c
Ħal-Għaxaq	6c
Iż-Żejtun	6c
L-Isla	7c
Bormla	7c
Il-Birgu	7c
Il-Fgura	7c
4. SERVIZZ IŻ-ŻURRIEQ — WIED IŻ-ŻURRIEQ	
IŻ-ŻURRIEQ — sa jew lura	
Wied iż-Żurrieq	7c

5. SERVIZZ IŻ-ŻEJTUN — IL-BAJJA TA' SAN TUMAS

	Nolijiet
IŻ-ŻEJTUN — sa jew lura Il-Bajja ta' San Tumas	6c

TAQSIMA III

A. Servizzi Okkażjonali

In-Nolijiet li jistgħu jingabru mingħand passiġġieri f'servizzi okkażjonali permessi mill-Kummissarju tal-Pulizija għandhom ikunu dawk hawn taħt preskritti:

	Nolijiet Ordinarji	Nolijiet Speċjali Btajjel Pubbliċi
1. Birżebbuġa saż-Żurrieq jew lura Festa ta' Santa Katerina	6c5	6c5
2. Birkirkara sa Ħal Qormi jew lura Festi ta' San Bastjan u San Ġorġ	5c5	5c5
3. Il-Ħamrun sa l-Imsida jew lura Festa ta' San Ġużepp	5c5	5c5
4. Ħal-Luqa sar-Rabat jew lura Festa ta' San Pietru u San Pawl	6c5	6c5
5. Il-Mosta sal-Għargħur jew lura Festa ta' San Bartilmew	5c5	5c5
6. Il-Mosta sar-Rabat jew lura Il-Festi ta' San Pietru u San Pawl, ta' San Ġużepp u ta' Corpus Christi	5c5	5c5
7. Il-Mosta sa l-Imġarr jew lura Festa ta' Santa Marija	5c5	5c5
8. In-Naxxar sar-Rabat jew lura Festi ta' San Ġużepp u ta' Corpus Christi	5c5	5c5
9. Ir-Rabat sal-Ġonna tal-Buskett jew lura	5c5	5c5
10. Ir-Rabat sa Ħaż-Żebbuġ jew lura Festi ta' San Filep u San Ġużepp	5c5	5c5
11. Ir-Rabat sa l-Imġarr jew lura Festa ta' Santa Marija	6c5	6c5
12. Ir-Rabat sas-Siġġiewi jew lura Festa ta' San Nikola	5c5	5c5

		Nolijiet Ordinarji	Nolijiet Speċjali Btajjel Pubbliċi
13.	Ir-Rabat sal-Mosta jew lura Festa ta' Santa Marija	5c5	5c5
14.	Is-Siġġiewi sal-Ġonna tal-Buskett jew lura Festa ta' San Pietru u San Pawl	6c5	6c5
15.	Is-Siġġiewi sar-Rabat jew lura Festi ta' San Pietru u San Pawl, San Ġużepp, San Rokku u tal-Madonna tal-Karmnu	5c5	5c5
16.	Is-Siġġiewi sal-Qrendi jew lura Festa ta' Santa Marija	5c5	5c5
17.	Ħaż-Żabbar sal-Kalkara jew lura Festa ta' San Ġużepp	5c5	5c5
18.	Ħaż-Żabbar sa Ħal Tarxien jew lura Festa ta' l-Annunzjata	5c5	5c5
19.	Ħaż-Żabbar saż-Żejtun jew lura Festa ta' Santa Katerina u l-Ġimgħa l-Kbira ...	5c5	5c5
20.	Ħaż-Żebbuġ sal-Mosta jew lura Festa ta' Santa Marija	5c5	5c5
21.	Ħaż-Żebbuġ sar-Rabat jew lura Festi ta' Corpus Christi, San Pietru u San Pawl, San Ġużepp u San Rokku	5c5	5c5
22.	Iż-Żejtun sal-Kalkara jew lura Festa ta' San Ġużepp	5c5	5c5
23.	Iż-Żejtun sa Ħaż-Żabbar jew lura F'Ħadd in-Nies	5c5	5c5
24.	Iż-Żurrieq sar-Rabat jew lura Festa ta' San Pietru u San Pawl	6c5	6c5

B. Servizzi Speċjali għat-Trade Fair ta' Malta

In-Nolijiet li għandhom jingabru mingħand passiġġieri fuq servizz speċjali talbuses għat-Trade Fair ta' Malta fin-Naxxar għandhom ikunu dawk hawn taħt preskritti:—

	Nolijiet Ordinarji	Nolijiet Speċjali Btajjel Pubbliċi
Sat-TRADE FAIR jew lura		
Il-Belt Valletta	6c5	7c5
Tal-Pietà	6c5	7c5
L-Imsida (Pjazza Palma)	6c5	6c5
L-Imsida (Villa Flery)	6c5	6c5
Birkirkara	5c5	6c5
Iċ-Ċimiterju ta' Ħal Lija	5c5	6c5
Ħal Lija (Ta' Sajtar)	5c5	5c5
Il-Birgu	7c5	8c5
Pawla	7c5	7c5
Freedom Press	7c5	7c5
Is-Salib tal-Marsa	6c5	7c5
Spencer Monument	6c5	7c5
Il-Ħamrun (Għassa tal-Pulizija)	6c5	6c5
Il-Ħamrun (Farsons il-Qadim)	6c5	6c5
Tas-Sliema (Ix-Xatt)	7c5	7c5
Il-Gżira (L-Istadium)	6c5	7c5
San Ġiljan (Triq Mrabat ħdejn it-Terminus ta' Birkirkara/San Ġiljan)	6c5	6c5
San Ġwann	5c5	6c5
Rabat	6c5	—
Il-Mellieħa	7c5	—
San Pawl-il Baħar	7c5	—

Tabella II
SERVIZZ GĦAL GĦAWDEX — NOLIJIET GĦAL OMNIBUSIJIET BIL-MUTUR

	Ir-Rabat	L-Imġarr	Il-Qala	In-Nadur	Għajn-sielem	Ix-Xagħra	Ix-Xewkija	Sannat	Il-Munxar	Il-Kerċem	L-Għarb	Iż-Żebbuġ	L-Għasri	Marsal-forn	Ta' Pinu	San Lawrenz	Ix-Xlendi	Bajja tar-Ramla	Santa Lucia	Id-Dwejra
Ir-Rabat	—	2c5	3c	2c5	2c5	2c(d) 2c(e)	2c(c) 2c(a) 2c(b)	2c	2c	2c	2c	2c	2c	2c	2c	2c	2c	—	—	3c5
L-Imġarr	2c5	—	2c	2c	1c	3c	2c	3c	3c5	—	4c	4c	3c5	—	4c	4c	—	—	—	—
Il-Qala	3c	2c	—	1c	2c	3c	2c5	3c	3c5	3c5	4c	4c	4c	—	4c	4c	—	—	—	—
In-Nadur	2c5	2c	1c	—	2c	3c	2c	3c	3c5	3c5	4c	4c	4c	—	4c	4c	—	2c5(f) 2c(g)	—	—
Għajnsielem	2c5	1c	2c	2c	—	3c	2c	2c5	3c	3c	3c5	4c(h) 4c(j)	3c5(h) 3c5(j)	—	3c5	4c	—	—	—	—
Ix-Xagħra	2c(d) 2c(e)	3c	3c	3c	3c	—	2c	3c	3c	3c	3c	3c5	3c	3c5	3c	3c5	—	—	—	—
Ix-Xewkija	2c(c) 2c(a) 2c(b)	2c	2c5	2c	2c	2c	—	2c(a)	2c(a)	2c5(a) 2c5(b)	3c(a) 3c(b)	3c5(a) 3c(b)	3c(a) 3c(b)	—	3c(a)	3c(a) 3c(b)	—	—	—	—
Sannat	2c	3c	3c	3c	2c5	3c	2c(a)	—	1c	2c5	3c	3c5	3c	—	3c	3c	3c	—	—	—
Il-Munxar	2c	3c5	3c5	3c5	3c	3c	2c(a)	1c	—	2c5	3c	3c5	3c	—	3c	3c	3c	—	—	—
Il-Kerċem	2c	—	3c5	3c5	3c	3c	2c5(a) 2c5(b)	2c5	2c5	—	2c5	3c	2c5	—	2c5	3c	3c	—	2c	—
L-Għarb	2c	4c	4c	4c	3c5	3c	3c(a) 3c(b)	3c	3c	2c5	—	3c	2c	—	1c	1c	—	—	—	3c5
Iż-Żebbuġ	2c	4c	4c5	4c	4c(h) 4c(j)	3c5	3c5(a) 3c(b)	3c5	3c5	3c	3c	—	2c	4c	2c5	3c	—	—	—	—
L-Għasri	2c	3c5	4c	4c	3c5(h) 3c5(j)	3c	3c(a) 3c(b)	3c	3c	2c5	2c	2c	—	3c5	—	2c5	—	—	—	—
Marsalforn	2c	—	—	—	—	3c5	—	—	—	—	—	4c	3c5	—	—	—	—	—	—	—
Ta' Pinu	2c	4c	4c	4c	3c5	3c	3c(a)	3c	3c	2c5	1c	2c5	—	—	—	1c5	—	—	—	—
San Lawrenz	2c	4c	4c	4c	4c	3c5	3c(a) 3c(b)	3c	3c	3c	1c	3c	2c5	—	1c5	—	—	—	—	2c
Ix-Xlendi	2c	—	—	—	—	—	—	3c	3c	3c	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—
Il-Bajja tar-Ramla	—	—	—	2c5(f) 2c(g)	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—
Sta. Lucia	2c	4c(i)	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—

(a) jindika l-Pjazza tal-Knisja tax-Xewkija.
(b) jindika r-roundabout tax-Xewkija.
(ċ) jindika x-Xewkija (Triq Santa Marija)
(d) jindika l-Pjazza tal-Knisja, x-Xagħra.
(e) jindika l-Knisja tan-Nazzarenu, ix-Xagħra.
(f) jindika l-Pjazza tal-Knisja, in-Nadur.
(ġ) jindika l-junction Hida/Ħanaq.
(ħ) jindika servizzi speċjali diretti.
(i) jindika minn Kerċem.
(j) jindika nolijiet li japplikaw għal vjaġġi li jsiru minn buses li jmorru jew jiġu mill-Imġarr.

Nota:— (i) Għal vjaġġ imtawwal minn Marsalforn sal-ponta ta' Santa Marija n-nol ikun 5 milleżmi oħra u minn Marsalforn għall-Qbajjar in-nol ikun 5 milleżmi oħra.
(ii) In-nolijiet ta' hawn fuq jiżdiedu b'5 milleżmi fil-Ħdud u fil-Vaganzi Pubbliċi.

APPENDIĊI

Tfal li jkunu sejrin jew ġejjin minn xi skola f'Għawdex matul il-perijodi murija fil-paragrafu 14 tad-Disposizzjonijiet Ġenerali għandhom iħallsu, jekk ikollhom permess validu, dwar in-nolijiet ordinarji murija fl-Ewwel Kolonna, in-nolijiet murija fit-Tieni Kolonna ta' hawn taħt:

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
1c	5m
1c5	1c
2c	1c
2c5	1c5
3c	1c5
3c5	2c
4c	2c

IT-TIENI SKEDA

Tariffa ta' Nolijiet għal Taxi Cars, Karozzi għall-Kiri u Karozzi Self Drive (kif imfissra fir-Regolamenti ta' l-1948 dwar Vetturi bil-Mutur)

TABELLA I

"Garage Cars"

(Karozzi għall-Kiri)

A. Nolijiet bid-distanza:—

a) għal kull ½ mil jew frazzjoni tiegħu 2c5

b) drittijiet tal-ħin li fih il-karozzi jistennew għal kull ¼ ta' siegħa (jew frazzjoni tagħha) sa siegħa 1c3

għal kull ¼ ta' siegħa (jew frazzjoni tagħha) aktar minn siegħa) 2c5

ċ) bagalji ... ... 1c3-il biċċa

d) għal kull persuna iżjed minn tnejn, għall-vjaġġ kollu ... 2c5

e) l-inqas nol 15c

f) l-inqas nol għal magħmudijiet u tiġijiet 50c

B. Nolijiet bil-ħin:—

ġ) għall-ewwel siegħa jew frazzjoni tagħha £1

ħ) għal kull ¼ ta' siegħa wara l-ewwel siegħa jew frazzjoni tagħha 12c5

i) jekk id-distanza medja tkun ta' iżjed minn 15-il mil fis-siegħa tal-kiri, id-distanza barranija għandha titħallas skond A (a) tat-tariffa bid-distanza.

Disposizzjonijiet Ġenerali

1. Il-karozzi jistgħu jinkrew bid-distanza jew bil-ħin skond kif jagħżel min jikri, iżda, jekk min jikri karozza ma jgħidx espressament fil-ħin tal-kiri illi jixtieq jikri l-karozza bil-ħin, għandu jitqies illi l-karozza tkun inkriet bid-distanza.

2. Jekk il-karozza ma tintużax għall-vjaġġ lura, jista' jintalab il-ħamsin fil-mija (50%) tan-nol speċifikat f'A (a) għad-distanza sal-post jew garage minn fejn il-karozza kienet inkriet oriġinarjament, iżda n-nol tar-ritorn ma għandu fl-ebda każ ikun iżjed minn 30c.

3. Bejn il-ħinijiet tal-11 p.m. u l-5 a.m. tista' tintalab żieda ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) fuq in-nol totali.

TABELLA II

Karozzi "Self-Drive"

Id-dritt li jista' jintalab għall-kiri ta' karozza *self-drive*, li jeskludi biss il-*fuel* użat, iżda li jinkludi kull ħaġa oħra tkun li tkun (magħduda assigurazzjoni *fully comprehensive*) u irrispettivament mill-għamla tal-karozza u mill-mili li jsiru, ma għandux ikun iżjed minn £3.75c għal kull perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa jew xi perijodu iqsar.

TABELLA III

Dawriet organizzati għat-Turisti

Dawn li ġejjin għandhom ikunu n-nolijiet għall-kiri ta' karozzi bil-mutur għat-trasport ta' turisti f'dawriet organizzati:—

Dawra ta' nofs ta' nhar	£2
Dawra ta' ġurnata sħiħa	£3

Il-kelma "turisti" tfisser passiġġieri li jaslu f'dawn il-Gżejjer u jitilqu minnha bl-istess bastiment fl-istess vjaġġ.

Il-kelmiet "dawra organizzata" jfissru dawra organizzata minn persuna jew persuni għal numri ta' turisti ta' iżjed minn ħmistax, bil-ħsieb li jduru postijiet ta' interess fil-Gżira.

L-espressjoni "dawra ta' nofs ta' nhar" tfisser dawriet li jsiru bejn tlugħ ix-xemx u s-siegħa ta' wara nofs in-nhar jew bejn is-siegħa ta' wara nofs in-nhar u nżul ix-xemx.

L-espressjoni "dawra ta' ġurnata sħiħa" tfisser dawriet li jinbdew qabel is-siegħa ta' wara nofs in-nhar u jispiċċaw wara s-siegħa ta' wara nofs in-nhar, iżda l-karozza ma tinżammx għal iżjed minn tnax-il siegħa.

TABELLA IV

"Taxi Cars"

A. NOLIJIET BID-DISTANZA

Għall-ewwel kwart ta' mil	12c5 (l-inqas nol)
Għal kull kwart ta' mil ieħor jew parti minnu	2c5

B. DRITTIJIET TAL-ĦIN LI FIH IL-KAROZZI JISTENNEW

Għal kull żewġ minuti jew parti minnhom	1c7

Ċ. ĦLAS IEĦOR

Passiġġieri Żejda

Kull persuna (barra trabi ta' l-idejn) 'il fuq minn waħda ...	2c5

NOTA:— Żewġt itfal taħt l-età ta' għaxar snin igħoddu bħala persuna waħda.

Bagolli jew oġġetti li jinġarru fuq taxi car

Bagolli personali, mhux aktar minn żewġ piedi tul, bħalma huma *attaché-cases*, boroż, *satchels*, pakki jew oġġetti oħra bħal dawn ...	Ebda Dritt
Oġġetti ta' lbies jew użu personali li wieħed normalment iżomm fuq il-persuna jew iġorr f'idejh jew oġġetti li wieħed normalment iġorr għal-logħob jew sport	Ebda Dritt
Oġġetti oħra (inklużi bagolli personali ta' aktar minn żewġ piedi tul) —	
Għall-ewwel oġġett	Ebda Dritt
Għal kull oġett ieħor bħal dan aktar minn wieħed	2c5

IT-TIELET SKEDA

Karri bil-Mutur għall-Mejtin

1. Dan li ġej ikun in-nol massimu għall-karrozzi bil-mutur għall-mejtin ta' l-ewwel klassi magħduda karrozza waħda ta' akkumpanjament mill-ibliet jew irħula murija hawn taħt għaċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata:—

A. Bormla, il-Furjana, Ħal Għaxaq, il-Gudja, il-Ħamrun, il-Kalkara, Ħal Kirkop, Ħal Luqa, il-Marsa, l-Imsida, ir-Raħal Ġdid, Tal-Pietà, Ħal Qormi, Santa Venera, l-Isla, Ħal Tarxien, il-Belt Valletta, il-Birgu, Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun £3.75c

B. Ħ'Attard, Ħal Balzan, Birkirkara, il-Gżira, Marsaxlokk, l-Imqabba, Ħal Safi, Tas-Sliema, ix-Xgħajra, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żurrieq £4.25c

C. Birżebbuġa, Ħal Lija, Wied il-Għajn, in-Naxxar, il-Qrendi, San Ġiljan, is-Siġġiewi £4.75c

D. Il-postijiet l-oħra kollha £5.25c

2. In-nolijiet ta' hawn fuq jitnaqqsu b'għoxrin fil-mija fil-każ ta' karrozzi bil-mutur għall-mejtin tat-tieni klassi.

3. In-nolijiet kollha għall-ġarr ta' tfal mejtin taħt l-għaxar snin jitnaqqsu bi tletin fil-mija.

4. Meta persuna mejta ma tittiħidtx direttament għaċ-ċimiterju, iżda tittieħed fi knisja jew post ieħor, sabiex jinżamm servizz ta' funeral, kemm-il darba l-knisja jew post li fih il-persuna tittieħed ma jkunx iżjed minn mil barra mit-triq normali għaċ-ċimiterju, jista' jintalab il-ħlas ta' nol addizzjonali ta' 62c5. Fil-każijiet l-oħra kollha jista' jintalab il-ħlas ta' nol addizzjonali ta' £1.25c.

5. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2, 3 u 4 ta' din it-Tariffa:—

(a) in-nol massimu għal xi ċimiterju jew għal xi post ta' difna, li ma jkunx iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, minn postijiet fl-area moqdija b'dak iċ-ċimiterju jew post ta' difna, ikun ta' £3.75c għall-karrozzi bil-mutur għall-mejtin ta' l-ewwel klassi magħduda karrozza waħda ta' akkumpanjament;

(b) fil-każijiet l-oħra kollha n-nol massimu jkun ta' £5.25c.

6. Għall-fini ta' din it-Tariffa karrozza bil-mutur għall-mejtin ta' l-ewwel klassi għandha tkun vettura hekk klassifikata mill-Kummissarju tal-Pulizija, u l-istess vettura tista' tkun ukoll klassifikata bħala karrozza bil-mutur għall-mejtin tat-tieni klassi jekk ċertu tiżjin u tagħmir speċifikati, kif imniżżlin fil-liċenza relattiva, jitneħħew minn jew ma jkunux provduti fuq jew f'dik il-vettura. Il-karrozza ta' akkumpanjament għandha tkun approvata għal hekk mill-eżaminaturi tal-Pulizija u għandha tkun sewda fil-kulur.